MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru. 641/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**

**KONTRA**

**FRANCOIS CUMBO ta' 27 sena, bin Emmanuel u Rita Zerafa, imwieled Tal-Pieta' nhar l-24 ta' Awwissu, 1980, residenti fil-fond numru 46, Madonnina, Triq Napuljun, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 393280M ;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmi Francis Cumbo li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-7 ta' Awwissu, 2002, minn fuq il-blat, f'Wied iz-Zurrieq, limiti tal-Qrendi, ikkommetta serq ta' flus u crieket tad-deheb ghad-detriment ta' Antonia Willis u Alexander Willan, persuni ta' nazzjonalita' barranija, liema

serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1,000.00);

2. U aktar talli nhar it-28 ta’ Lulju, 2002, minn fuq il-blat ta’ Ghar Lapsi tas-Siggiewi, ikkommetta serq ta’ mobile phone Nokia, tnejn Cashlinks tal-BOV u Quick Cash tal-HSBC, u karta ta’ l-identita’ maltija u affarijiet ohra, ghad-detriment ta’ Rayvin Saliba, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00), izda inqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00);

3. U aktar talli nhar it-13 ta’ Lulju, 2002, minn fuq il-blat f’Wied iz-Zurrieq limiti tal-Qrendi, ikkommetta serq ta’ affarijiet personali ghad-detriment ta’ Josef Haber, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix il-mitt liri Maltin (Lm100.00);

4. U aktar talli bejn it-13 ta’ Lulju, 2002 u s-7 ta’ Awwissu, 2002, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew xort’ohra sabiex jindahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

5. U kif ukoll talli fis-7 ta’ Awwissu, 2002, f’dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu arma li taqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju Francois Cumbo wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’ 261(c), 267, 279(b), 280, 334, 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 2, 13, 19, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 114);

Rat li moqrija dawn l-Artikoli l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 125);

Rat illi l-akkuzat fil-mori ta’ dawn il-proceduri anke rregistra ammissjoni, li fuqha baqa’ ferm (folio 126), liema ammissjoni baqghet ikkonfermata. In vista’ ta’ hekk intalab u gie ghalhekk redatt Pre-Sentencing Report, DOK ML(folio 135);

Rat ghalhekk l-istess Pre-Sentencing Report kif redatt.

Semghet li tul il-mori tal-proceduri li l-pulizija nvestigattiva rkuprat hafna mir-refurtiva. Senjalament ukoll illi gie ritornat curkett partikolari appartenenti lid-derubati ta' nazzjonalita' Belgjana, kif ukoll skond ix-xhieda ta' Marietta Lanzon ta' nhar is-27 ta' April, 2009 wara li l-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza gie saldat id-dannu li sar lil Saliba Raphael.

Tenut kont dan kollu, tenut ukoll dak illi xehdet l-istess Ufficjal tal-Probation, cioe' dwar il-progress li ghamel f'hajtu sal-lum Francois Cumbo, qieghda ghaldaqstant issib htija dwar li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(b), 280, 334, 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 2, 13, 19, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Dwar il-piena rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkudannah ghal piena karcerarja ta' 12(tnax)-il xahar sospizi ghal sentejn(2).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------